# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 16

IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 16

L-Erbgħa 8 ta' Novembru 2018

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq il-Qasab, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sinjura Connie Scerri – Kunsilliera Ħ'Attard
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Clayton Luke Mula– Kunsillier San Ġiljan

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera

ASSENTI

Is-Sur Anthony Chircop – Sindku Tas-Sliema
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa urġenti.

## 16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

16.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Maximillian Zammit u tas-Sur Anthony Dalli u tas-Sur Stephen Sultana fejn infurmaw lill-membri li ma setawx jattendu għal din il-laqgħa.

16.1.2 Il-President informa lill-membri preżenti li l-Viċi Sindku tar-Reġjun u SIndku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, ma setax ikun preżenti pero s-SInjura Connie Scerri kienet preżenti bħala Kunsilliera mill-Kunsill Lokali a' Ħ'Attard. Is-SIndku ta' San Ġiljan ukoll ma setax jattendi u għal din ir-raġuni kien preżenti is-Sur Clayton Luke Mula bħala Kunsillier mill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan.

16.1.3 Il-President saħaq fuq l-importanza ta' l-attendenza għall-laqgħat tar-Reġjun u spjega li jekk is-Sindku jew rappreżentant li normalment jattendi għal laqgħa tar-Reġjun ma jkunx jista' jattendi, il-Kunsill għandu jibgħat Kunsillier minn dak il-Kunsill bħala rappreżentant.

16.1.4 Il-membri preżenti unanimament aċċettaw dawn l-ittri ta' apoloġija.

## 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

16.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 14 li saret nhar l-Erbgħa 3 ta' Ottubru 2018 kif ukoll il-minuti tas-Seduta Nru 15 li saret b'urġenza nhar il-Ġimgħa 12 ta' Ottubru 2018 kienu meħuda bħala moqrija.

16.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta mis-Sindku ta' Ħal Lija, mis-Sinjura Magda Magri Naudi, u sekondati mill-Kunsillier ta' San Ġwann, mis-Dominic Cassar.

16.2.3 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, talab lill-membri preżenti sabiex naqbżu għall-item numru 16.8 u nilqgħu lis-Sinjura Carla Ciscaldi fil-kamra sabiex tagħtini tagħrif dwar il-programm *Europe for Citizens.*

16.2.4 Il-Membri unanimament approvaw

## 16.8 Preżentazzjoni mir-rappreżentanti ta' l-EMCS Ltd. dwar il-programm *Europe for Citizens*

16.8.1 Is-Sinjura Carla Ciscaldi spjegat dwar xiex kienet tikkonsisti din is-sejħa u x'proġetti jistgħu isiru mill-Kunsilli Lokali kif ukoll l-ammont li wieħed jista' jingħata sabiex il-proġett ikun jista' jiġi implimentat. Hija heġġet lil dawk kollha li għandhom interess sabiex jagħmlu kuntatt mas-Segretarju Eżekuttiv ta' dan ir-Reġjun sabiex issir laqgħa fuq bażi individwali biex b'hekk wieħed ikun jista' jiddentifika jekk għandhux japplika taħt dan il-programm.

16.8.2 Il-President irringrazzja lis-Sinjura Ciscaldi ta' l-informazzjoni kif ukoll spjega li minħabba li r-Reġjuni ser ikunu għaddejjin minn riforma, ikun aħjar jekk il-Kunsill Lokali jipparteċipa

waħdu u mhux bħala Reġjun.

## 16.3 Komunikazzjoni mill-President

16.3.1 Il-President informa lill-membri kif l-avveniment sportiv li nżamm nhar il-Ġimgħa 26 ta' Ottubru 2018 kien wieħed ta' suċċess u kienet okkażżjoni fejn it-tfal ħadu gost. Huwa ssuġġerixxa li din l-atttivita għandha terġa tinżamm is-sena d-dieħla jekk dan ir-Reġjun jerġa jingħatalu fondi.

16.3.2 Il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech, issuġġerixxa biex darboħa jkunu nvoluti wkoll l-iskejjel tal-privat li jaqgħu fi ħdan ir-Reġjun peress li r-Reġjun jirrappreżenta lil kulħadd.

16.3.3 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, issuġġeriet li jekk terġa tinżamm din l-attivita, l-iskejjel għandhom ikunu nfurmati minn ħafna qabel sabiex din tkun imniżla fil-kalendarju ta' l-iskejjel.

16.3.4 Il-President wieġeb li sabiex inkun involu kulħadd ikun aħjar jekk l-attivita tittella fuq aktar minn ġurnata waħda. Huwa spjega wkoll kif laqgħat dwar dan kienu qed jinżamma mad-DIpartiment ta' l-Edukazzjoni minn ħafna ġimgħat qabel.

16.3.5 Il-President fakkar lill-membri li l-avveniment sportive li jmiss ser jinżamm nhar il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2018 fejn ser ikun hemm ġirja ta' ħames kilometri u oħra ta' għaxar kilometri. Għal din ir-raġuni huwa ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex ikun hemm sound kif ukoll tliet kwotazzjonijiet għal photographer.

16.3.6 Il-membri unanimament qablu li għandu jkun magħżul l-irħas offerta.

16.3.7 ***Fis-18:00pm - Il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech, talab sabiex jiġi skużat peress li kellu mpenn ieħor.***

16.3.8 Il-President ressaq ukoll kwotazzjoni mingħand Birkirkara St Joseph Club li ser ikunu qed jieħdu ħsieb jorganizzaw din l-attivita.

16.3.9 Il-membri preżenti unanimament approvaw din il-kwotazzjoni.

16.3.10 Il-President, spjega li peress li għad baqa madwar €4,000 li ma ntnequx fl-iSports Day, huwa ssuġġerixxa li tinżamm attivita oħra pero li tkun ġewwa minħabba l-maltemp. Għal din ir-raġuni huwa ssuġġerixxa li jinżammu tournaments tat-*table tennis*, taċ-*chess*, tas-*subbuteo*, tad-*darts* li jinstabu fi ħdan ir-Reġjun.

16.3.11 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

16.3.12 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tikteb lill-AKL dwar il-fondi dovuti lil dan ir-Reġjun jekk il-pagament tal-ktieb jistax jinħareġ fil-bidu tas-sena 2019 peress li l-ktieb mhux ser ikun lest sa l-aħħar ta' din is-sena.

16.3.13 Il-President ressaq fuq il-mejda l-emejl mingħand il-Perit Frans Mallia dwar it-talba għal

bilanċi fuq il-PA Funds fejn spjega li dan ir-Reġjun kellu l-iktar lokalitajiet li ġew milqutin fejn flus dovuti lil dawn il-Kunsilli ser jittieħdu. Hu żied jgħid li meta ġiet mistoqsi r-raġuni dwar dan, il-Ministru Ian Borg qal li l-Kunsilli Lokali ma kienux jafu fuq xhiex ser jonfquhom.

16.3.14 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefair, spjegat li fil-każ tal-Kunsill Lokali tagħha, jekk l-applikazzjonijiet tal-proġetti jkunu sottomessi sa' l-aħħar ta' din is-sena, il-Kunsill intitolat li jieħu s-somma mitluba.

16.3.15 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, wissa lill-membri sabiex ikunu ċerti jekk irridx ikunu approvati sa' l-aħħar ta' din is-sena u mhux li jkunu sottomettu l-applikazzjoni. Żied jgħid ukoll li intalbet li ssir laqgħat f'isem l-AKL sabiex ikun nhemm kjarifikazzjonijiet u jkun hemm bil-miktub.

## 16.4 Tweġibiet mill-Mistoqsijijiet tal-Membri

16.4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lill-membri jekk kienx hemm mistoqsijiet li xtaqu jressqu waqt din il-laqgħa.

16.4.2 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa mill-membri.

## 16.5 Rapporti

16.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

## 16.6 Approvazzjoni tal-Vakanza ta' *Accounts Officer* (Skala 13)

16.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti kif wara li ġew ikkonfermati l-persuni magħżula għal din il-vakanza, is-Segretarju Ezekuttiv għamlet kuntatt ma' l-ewwel persuna u dan irrifjuta. Is-Segretarju għamlet kuntatt għat-tielet persuna u dan irrifjuta wkoll. It-tielet persuna ġie avviċinat ukoll pero dan irrifjuta wkoll.

16.6.2 Huwa spjega kif il-problema kienet li l-paga fejn kollha b'dew jarawha baxxa meta qabbla mat-titlu. Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv talbet lid-DLG jekk din l-iskala tistax tkun Skala 11 flok Skala 13. Id-DLG qalulna li din għandha tkun deċizjoni mill-kumitat tar-Reġjun u din il-proposta għandha titressaq lid-DLG għall-approvazzjoni. Jekk din it-talba tiġi milquha, il-proċess irid jerġa jibda mill-ġdid.

16.6.3 Il-membri preżenti unanimament qablu li l-iskala għandha tkun 11 u għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, għandha tressaq din it-talba lid-DLG għall-approvazzjoni.

## 16.7 Sejħa għal Servizz ta' Accountant għar-Reġjun

16.7.1 Il-President informa lill-membri preżenti li nhar it-Tlieta 30 t'Ottubru 2018 ġiet ippublikata

din is-sejħa fuq is-sistema ta’ l-EPPs.

16.7.2 Huwa spjega kif peress li d-data ta’ l-għeluq hija għal nhar it-Tlieta 27 ta’ Novembru, f’din il-laqgħa għandu jiġi deċiż min ser ikun fuq il-bord ta’ l-evalwazzjoni.

16.7.3 Peress li skond l-aħħar ċirkulari mid-DLG il-bord jista’ jkun kompost mill-membri tar-Reġjun, il-membri unanimament qablu li l-bord għandu jkun kompost mis-Sur Conrad Borg Manche, mis-Sur Anthony Dalli kif ukoll mis-Sur Dominic Cassar.

## 16.9 Items oħra ta’ Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *Ċirkulari SPI Numru 12/2018 – Skema Finanzjarju favur il-Komunitá – Ħajja Aħjar permezz ta’ Eżerċizzju Fiżiku u Sports*

16.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda din iċ-Ċirkulari fejn din spjega kif din l-iskema qedha miftuħa kemm għar-Reġjuni kif ukoll għal Kunsilli Lokali. Minħabba din ir-raġuni, huwa qal kif is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, bagħtet issaqsi lill-Kunsilli Lokali fi’ ħdan ir-Reġjun jekk xtaqux iressqu xi suġġeriment bħala avveniment reġjonali pero l-Kunsill Lokali tal-Pieta’ (fejn ser jipparteċipa bħala Kunsill waħdu); il-Kunsill ta’ San Ġiljan kif ukoll ta’ Birkirkara (fejn qed jistennew li jippreżentaw din l-iskema fil-laqgħa tal-Kunsill).

- *L-ikla tal-Milied tar-Reġjun*

16.9.2 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kowtazzjonijiet għal deċiżjoni fejn kull post ikwota l-ammont ta’ €30-il persuna.

16.9.3 Il-membri unanimament approvaw li l-ikla għandha ssir f’Jannar 2018 fir-restaurant Fernando Gastrotheque.

- *Xkaffar għall-arkivji*

16.9.4 Il-President spjega kif għalkemm dan l-*item* kien diġa dikuss u approvat fil-laqgħa preċedenti, huwa reġa ppreżenta tliet kwotazzjonjiet sabiex isiru aktar xkaffar.

16.9.5 Il-membri approvaw l-irħas kwotazzjoni ppreżentata minn Storage Systems Ltd.

## 16.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

16.10.1 Is-Sindku ta’ l-Imsida, is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai, sekondat mill-Viċi Sindku ta’ Birkirkara, is-Sinjura Rita Borg, resqet mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 13A u 13B.

16.10.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 16.11 Mozzjonijiet

16.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 16.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

16.12.1 Il-laqgħa intemmet fil-6:30pm u l-President fakkar lill-membri preżenti li d-data tas-seduta li jmiss li kienet stabilita fil-laqgħa preċedenti tar-Reġjun hija nhar it-Tnejn 10 ta' Diċembru 2018 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tnejn 10 ta' Diċembru, 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |